



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2 tal-4 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2016/3 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi l-prinċipji għall-għoti ta' feedback dwar il-prestazzjoni tas-subkoordinaturi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fit-timijiet superviżorji konġunti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (BĊE/2015/36)** 4

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2

tal-4 ta' Jannar 2016

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Jannar 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	92,0
	ZZ	92,0
0707 00 05	MA	88,9
	ZZ	88,9
0709 93 10	MA	36,1
	ZZ	36,1
0805 10 20	EG	48,7
	ZA	74,1
	ZZ	61,4
0805 20 10	MA	69,2
	ZZ	69,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	TR	86,4
	ZZ	86,4
0805 50 10	TR	96,9
	ZZ	96,9
0808 10 80	CL	85,7
	US	154,1
	ZZ	119,9

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2016/3 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Novembru 2015

li tistabbilixxi l-prinċipji għall-għoti ta' feedback dwar il-prestazzjoni tas-subkoordinaturi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fit-timijiet superviżorji konġunti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (BĊE/2015/36)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u (7) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament MSU") jistipula li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). Il-premessa 79 tar-Regolament MSU tgħid li persunal b'motivazzjoni għolja, imħarreġ sew u imparzjali huwa indispensabbli għal superviżjoni effettiva.
- (2) Skont l-Artikoli 3 sa 6 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Qafas tal-MSU"), il-BĊE huwa inkarigat mill-istabbiliment u l-kompożizzjoni ta' timijiet superviżorji konġunti (TSK) li huma komposti minn membri tal-persunal mill-BĊE u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK). Il-koordinatur tat-TSK, assistit mis-subkoordinatur(i) tal-ANK, jiżgura l-koordinazzjoni tal-ħidma fi ħdan it-TSK.
- (3) Fid-dawl tal-irwol importanti tas-subkoordinaturi tal-ANK li jikkoordinaw il-membri tat-TSK mill-ANK tagħhom, huwa neċessarju u proporzjonat li jiddaħħal proċess uniformi għall-għoti ta' feedback dwar il-prestazzjoni fir-rigward ta' subkoordinaturi tal-ANK fi ħdan it-TSK. Billi jassisti bit-titjib kontinwu tal-prestazzjoni tas-subkoordinaturi tal-ANK, il-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU jgħin biex jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tat-TSK. Il-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU inizjalment jieħu l-forma ta' test fuq il-post li huwa limitat fiż-żmien. Fuq il-bażi tal-esperjenza akkwistata matul it-test fuq il-post, ser tiġi kkunsidrata implimentazzjoni aktar komprensiva tal-mekkaniżmu ta' feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU. L-ANK u l-BĊE huma responsabbli unikament għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-persunal tagħhom. L-ANK jistgħu jużaw il-feedback mogħti skont din id-Deċiżjoni fil-ġestjoni ta' kuljum tal-membri tal-persunal tagħhom, u dan jista' jservi bħala input fis-sistemi ta' evalwazzjoni interni tal-ANK, jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali rilevanti.
- (4) Waqt li jirrikonoxxi li l-feedback dwar il-prestazzjoni hija meħtieġa għall-ġestjoni tat-TSK, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta approva l-mekkaniżmu ta' feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU, soġġett għall-kundizzjoni li t-tħaddim preċiż tal-mekkaniżmu ta' prestazzjoni jkun iddefinit fi strument legali adottat fil-livell xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2 tar-Regolament MSU u l-Artikolu 2 tar-Regolament Qafas tal-MSU.

⁽¹⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠUL 141, 14.5.2014, p. 1).

*Artikolu 2***Feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU**

1. Is-subkoordinaturi tal-ANK fit-TSK għandhom jirċievu feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom u dik tat-tim tagħhom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom fit-TSK, soġġett għal u skont il-prinċipji stipulati fl-Anness I.
2. Wara li jiġu stabbiliti l-kompiti u l-oġġettivi ewlenin tas-subkoordinaturi tal-ANK, il-feedback għandu jingħata fir-rigward taċ-ċiklu ta' feedback li jibda fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 u jintemm fid-29 ta' Frar 2016.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2015.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Novembru 2015.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX I

Prinċipji għall-għoti ta' feedback dwar il-prestazzjoni tas-subkoordinaturi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fit-timijiet superviżorji konġunti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku**(Feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU)***Prinċipju 1***Ambitu tal-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU**

Is-subkoordinaturi tal-ANK fit-TSK għandhom ikunu soġġetti għal feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU, sakemm jaħdmu f'TSK fuq il-bażi ta' mill-inqas 25 % ta' pożizzjoni ekwivalenti għal full-time kif iddefinit fil-qafas tal-impjeg tal-ANK **relevanti**.

*Prinċipju 2***Skop tal-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU**

Sabiex jiġi żgurat u mtejjeb il-funzjonament tal-MSU bħala ħaġa sħiħa, il-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU għandu jirrikonoxxi u jivvaluta l-prestazzjoni tas-subkoordinaturi tal-ANK meta jwettqu l-kompiti tagħhom, bil-għan li jiġi żviluppat ulterjorment il-mod kif huma jifhmu l-oġġettivi u l-kompetenzi komuni għall-MSU, sabiex b'hekk titrawwem motivazzjoni fost il-membri tat-tim.

*Prinċipju 3***Proċess ta' feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU għal subkoordinaturi tal-ANK**

1. Fil-bidu ta' ċiklu ta' feedback, il-koordinatur tat-TSK, wara konsultazzjoni mas-subkoordinatur tal-ANK, għandu jiffissa l-kompiti u l-oġġettivi ewlenin għas-subkoordinatur tal-ANK imsemmija taħt il-Prinċipju 1. Il-kompiti u l-oġġettivi ewlenin għandhom jiġu rreġistrati fil-formola ta' feedback dwar l-MSU.
2. Il-koordinatur tat-TSK għandu jipprovdi lil kull subkoordinatur tal-ANK msemmi taħt il-Prinċipju 1 bi gwida kontinwa u feedback informali matul iċ-ċiklu tal-feedback. Malli jitlesta ċ-ċiklu tal-feedback, il-koordinatur tat-TSK għandu jiprovdi lil kull subkoordinatur tal-ANK msemmi taħt il-Prinċipju 1 b'feedback ta' tmiem iċ-ċiklu, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub fil-formola ta' feedback tal-MSU.
3. Kemm il-feedback kontinwu kif ukoll dak ta' tmiem iċ-ċiklu għandhom iqisu l-kompiti u l-oġġettivi ewlenin tas-subkoordinaturi, kif irreġistrati fil-formola ta' feedback tal-MSU, il-kompetenzi tal-MSU stipulati fl-Anness II u l-kontribut tat-tim tagħhom għall-funzjonament ġenerali tat-TSK.

*Prinċipju 4***Aċċess għall-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU**

1. Il-feedback dwar il-prestazzjoni ta' tmiem iċ-ċiklu għas-subkoordinaturi ta' ANK f'TSK jista' jsir aċċessibbli għal, u jista' jintuża mill-ANK relevanti bl-iskop li jiffaċilita l-maniġment regolari mill-ANK tal-persunal tagħha, jekk dan ikun awtorizzat mil-liġijiet nazzjonali applikabbli.
2. L-ANK jistgħu jagħżlu li jużaw il-feedback dwar il-mekkaniżmu tal-MSU bħala input addizzjonali għas-sistemi interni tagħhom ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni, jekk dan ikun awtorizzat mil-liġijiet nazzjonali applikabbli.
3. L-aċċess għall-feedback dwar il-mekkaniżmu tal-MSU, inkluż it-trasferiment tiegħu, għandu jingħata lill-ANK skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

*Prinċipju 5***Protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-kuntest tal-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU**

1. Id-dejta mill-feedback dwar il-prestazzjoni tal-MSU għandha tiġi pproċessata mill-BĊE skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.
2. Id-dejta mill-feedback dwar il-prestazzjoni għandha tintuża esklużivament għall-finijiet deskritti taħt il-Prinċipji 2 u 4 u d-dejta għandha tinżamm għal perjodu massimu ta' ħames snin.

ANNEX II

LISTA TA' KOMPETENZI TAL-MSU

Tagħrif professjonali: Għarfien dwar politiki, metodoloġiji u regolamenti superviżorji, speċjalment fil-kuntest tal-MSU, kif ukoll dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Wieħed għandu jżomm aġġornat dwar żviluppi f'dawk l-oqsma u japplika l-għarfien għall-oqsma ta' xogħol relevanti.

Komunikazzjoni: L-għoti ta' informazzjoni b'mod ċar u konċiż lil gruppi jew individwi, jew verbalment jew bil-miktub, sabiex jiġi żgurat li huma jifhemu l-informazzjoni u l-messaġġ. Wieħed għandu jisma' u jirrispondi b'mod xieraq lil ħaddieħor.

Kooperazzjoni u kollaborazzjoni: Il-bini u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' ħidma kontinwi u kollaborattivi ma' kollegi sabiex jinkisbu l-objettivi Ewropej tat-tim. Għandhom jiġu żviluppati u miżmuma relazzjonijiet effettivi ma' ħaddieħor sabiex tiġi mħeġġa u appoġġata l-ħidma bejn tim. Għandu jkun hemm qsim proattiv ta' dejta, informazzjoni u tagħrif fi ħdan tim.

Determinazzjoni fil-kisba ta' objettivi: Twettiq tal-kompiti b'tenaċità u perseveranza, l-insewiment ta' soluzzjonijiet ta' suċċess waqt li wieħed jadatta l-imġieba tiegħu stess biex jinstab approċċ adattat għall-kisba ta' eżitu ta' suċċess.

Ġudizzju u intrużività: L-analiżi u l-valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet, dejta u informazzjoni sabiex jiġu żviluppati strateġiji, pjanijiet u politiki xierqa. Wieħed għandu jifhem u jifformula perspettivi differenti u kuntrarji dwar kwistjoni, jekk meħtieġ, jadatta l-approċċi hekk kif jinbidlu l-ħtiġijiet ta' sitwazzjoni, waqt li jikkunsidra l-problemi minn perspettivi ġodda u jespandi fuq il-ħsieb jew is-soluzzjonijiet proposti minn ħaddieħor. Wieħed għandu jipprova jifhem bis-sħiħ il-kwistjonijiet qabel ma jagħmel rakkomandazzjoni jew jilħaq konklużjoni, waqt li jiġbor informazzjoni sħiħa u preċiża hekk kif meħtieġ, u jasal għal ġudizzju sod billi jistaqsi b'rispett serje ta' domandi intrużivi u billi jfittex kontinwament għal kwistjonijiet potenzjali u informazzjoni.

Kuxjenza wiesgħa u viżjoni 'il quddiem: Wieħed għandu jħares lil hinn mill-irwol tiegħu stess sabiex jistabbilixxi l-kuntest usa' li fih jopera, billi jifhem bis-sħiħ id-diversi funzjonijiet/oqsma, billi juri kuxjenza dwar diversi kuntesti kulturali u perspettivi, u billi jevalwa l-implikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet tiegħu fuq ħaddieħor. Wieħed għandu jħares 'il quddiem u jantiċipa opportunitajiet u theddid fil-futur, jieħu azzjoni biex joħloq opportunitajiet jew biex jevita kwistjoni fil-futur.

Aġir oġġettiv b'integrità u indipendenza: Wieħed għandu jaġixxi b'mod indipendenti u oġġettiv, fl-interess tal-Unjoni bħala ħaġa sħiħa, fuq il-bażi tal-istandards professjonali tal-MSU, waqt li jiġu vverifikati ċ-ċirkustanzi biex tinkiseb stampa sħiħa u realistika ta' sitwazzjoni. Ħidma biex jitnaqqsu jew jiġu eliminati preferenzi, preġudizzji jew evalwazzjonijiet soġġettivi billi wieħed jibbaża fuq dejta u fatti verifikabbli.

Immaniġġjar ta' timijiet tal-MSU (applikabbli għal maniġers biss): Tmexxija (virtwali/remoti) tat-timijiet sabiex jiġu ggwidati lejn l-objettivi tat-tim. Koordinazzjoni tal-attivitajiet tat-tim bejn fruntieri, billi tingħata direzzjoni u billi jintużaw il-kompetenzi u d-diversità tagħhom bl-aktar mod effettiv u effiċjenti. Għandha titnaqqas u tiġi mmaniġġjata l-ambigwiżità u għandhom jinstabu modi kif wieħed jidderieġi u jagħti riżultati f'ċirkustanzi inċerti.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT